TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 178/13/GB

**Theresa Pulis**

**vs**

**Sterling Holdings Ltd**

Illum 30 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal arlogg li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema arlogg kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fl-2011 hija kienet xtrat arlogg ta' l-idejn tad-ditta 'DKNY' kulur id-deheb minghand is-socjeta' ntimata. Minkejja li r-rikorrenti hadet hsieb dan l-arlogg u ma tantx uzatu, il-kulur tieghu nbidel. Meta lmentat mas-socjeta' ntimata, giet informata li kien difett tal-fabbrika.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kellmet lil tlieta minn nies tas-socjeta' ntimata: Priscilla Ewurum, Ann Sammut u Metthew Agius. L-edba wiehed minn dawn in-nies ma qal lir-rikorrenti li l-prodott ghandu xi difett.

L-istrap ta' l-arlogg ma ghandha l-ebda difett, izda ghandha 'wear and tear' minn uzu li ghamlet ir-rikorrenti.

Is-socjeta' ntimata ma ghandhiex obbligu taghti kumpens fuq uzu ta' 'wear and tear' mill-prodotti mixtrijin minn ghandha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet ir-ricevuta ghall-arlogg in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.TP1; flimkien ma' kopja tal-garanzija, li giet immarkata bhala Dok.TP2.

Ir-rikorrenti ezebiet l-arlogg in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta; u ezebiet ukoll arlogg ta' l-istess mudell li nxtara mill-istess socjeta' ntimata sitt xhur qabel ma nxtara l-arlogg in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta, liema arlogg jidher li qieghed fi stat totalment differenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet tliet (3) dikjarazzjonijiet, li gew immarkati bhala Dok.SH1, Dok.SH2 u Dok.SH3.

Illi bi qbil bejn il-partijiet, u fuq ordni tat-Tribunal, l-isem tas-socjeta' ntimata giet emendata sabiex taqra 'Sterling Holdings Ltd'. Il-partijiet taw rwiehhom notifikati b'din il-korrezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, minn liema jidher car il-fatt illi minkejja li l-arlogg in kwistjoni kien inzamm fi stat tajjeb, il-kulur ta' l-istess iddeterjorja biz-zmien, filwaqt li l-istess ma jistax jinghad rigwardanti l-arlogg l-iehor li gie ezebit *animo ritirandi*, il-kulur ta' liema baqa' tajjeb, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont

ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00) lir-rikorrenti, filwaqt li jordna lir-rikorrenti taghti lura l-arlogg in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**